MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 352/2006

**Melita Insurance Agency Limited**
**(C-17764)**

**Vs**

**Dram Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 t'April, 2006 in forza ta' liema s-socjeta` attrici qed titlob li tithallas mis-socjeta` konvenuta s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm230.25) dovuta bhala premium fuq assikurazzjoni mahruga favur is-socjeta` konvenuta.

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba

Sema' x-xhieda ta' Andrew Pizzuto in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' mitejn u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm230.25) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 t'Ottubru, 2004 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------